# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 16**
**Rikors Kostituzzjonali Numru 20/2018**

**Annette Meier**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fit-3 ta' Lulju 2019 li ċaħdet talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni li seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha mħarsa taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni Ewropea"].

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: fl-1990 ċertu Ignatius Gatt kien fetaħ kawża [“il-kawża ċivili”] fl-ismijiet Ignatius Gatt *v.* Franco Facchetti *et* (ċitazzjoni numru 883/1990). Fost il-konvenuti kien hemm Joseph Facchetti, żewġ l-attriċi, li miet fis-6 t’Awissu 2014. B’dikriet tal-15 ta’ Ġunju 2016 il-kawża tkompliet f’isem l-attriċi u f’isem bin żewġha wara l-mewt tal-awtur tagħhom.

3. L-attriċi tgħid illi kien biss f’Ottubru tal-2016, meta ġiet notifikata b’mandat ta’ inibizzjoni maħruġ kontra tagħha u kontra iben żewġha, li saret taf b’din il-kawża u li ddaħħlet fiha bħala *aventi causa* minn żewġha. Tgħid ukoll illi, sa dak iż-żmien – sitta u għoxrin sena wara li nfetħet il-kawża – l-atturi f’dik il-kawża (is-suċċessuri ta’ Ignatius Gatt li miet ftit wara li fetaħ il-kawża) kienu għadhom lanqas bdew iressqu x-xiehda tagħhom u kien biss fl-2017 li bdew iressqu x-xiehda. Il-ġbir tax-xiehda tal-atturi fil-kawża ċivili ngħalaq fl-14 ta’ Ġunju 2017 u kien wara dakinhar li setgħu bdew jinstemgħu dawk tal-konvenuti f’dik il-kawża – fosthom l-attriċi tallum. Sa meta nfetħet il-kawża tallum il-kawża ċivili kienet għadha ma nqatgħetx[1].

4. Billi dehrilha li dan id-dewmien kollu kien bi ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, l-attriċi fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

> »(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatti suesposti jagħtu lok u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti senjatament tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni

[1] Il-kawża nqatgħet fl-ewwel grad b’sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta’ Marzu 2019, li ċaħdet it-talbiet tal-atturi (is-suċċessuri ta’ Ignatius Gatt) wara li laqgħet eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti (fosthom l-awtur tal-attriċi tallum). Ma jidhirx li sar appell minn dik is-sentenza.

għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta billi, fost oħrajn, il-kawża msemmija ma ngħatatx smigħ xieraq u ma ġietx deċiża entru żmien raġjonevoli;

»(ii) fit-tieni lok, tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana billi, fost affarijiet oħra, tordna illi l-esponenti tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju b'effett immedjat mill-kawża ċivili li nbdiet nhar is-6 ta' Awissu 1990 li għandha ċ-ċitazzjoni bin-numru: 883/1990/AF fl-ismijiet <u>Ignatius Gatt *et v.* Franco Facchetti *et*</u> u *inoltre* tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, kemm danni pekunjarji u kif ukoll danni mhux pekunjarji għal-leżjoni hawn fuq imsemmija, u tikkundanna lill-intimat iħallas id-danni hekk sofferti mill-esponenti.«

5. L-Avukat Ġenerali, llum l-Avukat tal-Istat, ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»(i) illi fir-rigward tal-mertu, fiċ-ċirkostanzi odjerni l-esponent jirrispinġi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma kien hemm l-ebda dewmien mhux ġustifikat fil-proċeduri ċivili attribwibbli għall-esponenti u għaldaqstant m'għandu jirriżulta l-ebda ksur a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u / jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja *da parte* tal-esponenti;

»(ii) illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li ma seħħ l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ukoll peress li d-dewmien li minnu qiegħda tilmenta r-rikorrenti – u li minħabba fih qed tallega nuqqas ta' smigħ xieraq – ma seħħx ħtija tal-esponenti iżda jidher li kien anke attribbwibbli lill-intimati preċedenti familjari tar-rikorrenti *stante* li, bħala l-konvenuti fil-kawża imsemmija, kellhom kull interess li jsegwu, iħabirku u jinsistu anke permezz tal-avukat tagħhom sabiex il-proċeduri jitħaffew u jiġu finalment deċiżi;

»illi huwa paċifiku li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli huwa l-komplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorità ġudizzjarja;

»(iii) illi in kwantu li r-rikorrenti qed titlob li jiġi dikjarat li sofriet leżjoni tad-dritt tagħha taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja minħabba d-dewmien taż-żmien biex ikun hemm deċiżjoni definittiva fuq id-drittijiet tagħha ċivili, jeħtieġ li jiġi sottolineat li l-kwistjoni dwar id-dewmien ma tistax tiġi attribwita lill-esponenti, meta kien id-dover esklussiv taż-żewġ partijiet fil-kawża li juru interess serju fil-kawża li kienu qed jiddefendu u li kellhom jirsistu sabiex il-proċeduri jiġu effettivament konklużi. Għalhekk, ma tistax issa f'dan l-istadju wara li l-intimati preċedenti u *cioè* l-familjari tar-rikorrenti ma insistewx mal-qorti konċernata sabiex tagħlaq il-provi tar-rikorrenti Gatt fil-kawża imsemmija diversi snin ilu, u għalhekk baqgħu passivi għal dawn is-snin kollha, issa qed tippretendi li tattribwixxi r-responsabbilità tad-dewmien lill-esponenti;

»(iv) illi *dato ma non concesso* li din l-onorabbli qorti jidhrilha li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fl-umli fehma tal-esponent fiċ-ċirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċċjenti.«

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti billi ma ssibx illi bejn il-11 ta' Ottubru 2016 u l-14 ta' Marzu 2019 ġew miksura d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti sanċiti bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

»Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat

»illi r-rikorrenti Meier istitwixxiet il-proċeduri odjerni tilmenta li d-dritt tagħha għal smigħ xieraq ġie leż u dan minħabba dewmien min-naħa tal-konvenuti fil-proċeduri <u>Ignatius Gatt *et v.* Francesco Facchetti *et*</u> (ċit nru 883/90).

»… … …

»… … … fis-sentenza <u>David Marinelli *vs.* Avukat Ġenerali</u> (3 ta' Lulju 2008), … il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) irriteniet illi:

> »"B'mod ġenerali, biex jiġi determinat jekk is-smigħ f'xi proċeduri quddiem il-qorti sarx fi żmien raġjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proċeduri, u b'mod partikolari: 1. in-natura u / jew komplessità tal-każ in kwistjoni, 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawża, u 3. il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess."

»Illi huwa imperattiv li jingħad f'dan l-istadju li t-*test* ta' dewmien raġonevoli ma jidentifikax żmien speċifiku li fihom il-proċeduri ċivili għandhom jiġu konklużi, wisq anqas m'hemm ċirkostanza waħda partikolari li tiddetermina x'inhu raġonevoli. Iċ-ċirkostanzi kollha għandhom jittieħdu flimkien sabiex jiġi determinat jekk id-dewmien fil-proċeduri kinux raġonevoli *o meno*. … … …

»… … …

»Kumplessità

»Illi l-ewwel fattur li għandu jiġi kkunsidrat minn din il-qorti huwa jekk il-proċeduri ċivili kinux kumplessi. Każ jista' jkun kumplikat għal diversi raġunijiet fosthom volumi t'evidenza, in-numru ta' persuni involuti fil-proċeduri, konnessjoni ma' proċeduri ċivili oħra, il-ħtieġa li tinkiseb evidenza minn barra minn Malta kif ukoll il-kumplessità ta' punti legali. … … …

»… … …

»Illi l-ebda parti fil-proċeduri odjerna ma ssottometta li l-proċeduri ċivili kienu kumplessi; pjuttost jingħad li fit-trattazzjoni finali l-legali tar-rikorrenti ssottometta li l-każ ma kienx wieħed kompless. Fil-fatt l-anqas din il-qorti ma tara li l-proċeduri ċivili kellhom xi element ta' kumplessità.

»Atteġġjament tal-partijiet

»Illi l-abilità tal-imħallef li jiddisponi mill-kawżi fi żmien raġonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsiċi u personali tiegħu, iżda tiddependi wkoll fuq l-involviment tal-partijiet fil-kawża. … … …

»… … …

»Konsiderazzjonijiet tal-qorti

»Il-każ li għandha quddiemha l-qorti ġie intavolat fis-6 ta' Marzu 2018 minn Annette Meier peress li fis-sena 2016 hija kienet ġiet imdaħħla bħala konvenuta fil-kawża <u>Ignatius Gatt *v.* Franco Facchetti *noe et*</u> li kienet ġiet intavolata minn Ignatius Gatt kontra ir-raġel tagħha lura fis-sena 1980. Dik il-kawża kienet ġiet istitwita minn Ignatius Gatt kontra Franco Facchetti, missier żewġha, kontra Andrea Facchetti, ħu żewġha, u kontra Joseph Facchetti, żewġha llum defunt. Fis-sena 2016 ir-rikorrenti skopra [*recte*, skopriet] l-eżistenza ta' dik il-kawża li kienet ilha pendenti mis-sena 1980 għaliex proprju ġiet notifikata b'mandat ta' inibizzjoni. Qabel dik is-sena ma kellux [*recte*, ma kellhiex] l-iċken idea illi kien hemm kawża pendenti li oriġinarjament kienet infetħet kontra żewġha u oħrajn. Fis-sena 2016 ir-rikorrenti sabet wiċċha kawża li kienet ilha li bdiet sitta u għoxrin sena fejn l-attur ma kienx għadu għalaq il-provi tiegħu.

»Jirriżulta illi meta infetħet dik il-kawża fis-sena 1980 żewġha ma kienx jirrisjedi hawn Malta u għalhekk kienu ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentawh. Fl-10 ta' Ġunju 1992, il-konvenut f'dik il-kawża Andrea Facchetti, ħu żewġha, kien assuma r-rappreżentanza tiegħu minflok il-kuraturi deputati.

»Joseph Facchetti irritorna lura Malta fis-sena 1996 iżda qatt ma ġie notifikat bl-atti tal-kawża. Jirriżulta illi Joseph Facchetti ma kellux idea li kien hemm kawża pendenti kontra tiegħu. Joseph Facchetti miet fis-sena 2014 mingħajr ma qatt ġie notifikat bl-atti tal-kawża nru 883/90.

»B'[*sc*. dikriet] tal-15 ta' Ġunju 2016 il-qorti ordnat li l-atti jiġu trasfusi f'isem Adrien Facchetti u Annette Meier. Eventwalment ir-rikorrenti ġiet notifikata b'mandat ta' inibizzjoni f'Settembru 2016 u minn hemm skopriet l-eżistenza ta' dik il-kawża.

»Joseph [*recte*, Adrien] Facchetti xehed hekk:

> »"At this stage, both my father and my grandfather were dead, as was my uncle Andrea Facchetti whom I barely even knew. I had never ever heard of the Gatts, much less about any business they claim to have done with my grandfather. Consequently, there is no way that I can defend myself in these proceedings, in which I find myself drawn totally without any fault, bar that of being my deceased father's son."

»Ilment leġittimu fiż-żmien li sar tenut kont illi fil-kapaċità ta' konvenut f'kawża dwar mertu li ma kellu l-ebda informazzjoni dwaru kien tenut jiddefendi ruħu mit-talbiet attriċi.

»Il-qorti eżaminat l-atti tal-kawża nru 883/90 u ma jistax ma jiġix osservat li sew Franco Facchetti kif ukoll Andrea Facchetti naqsu milli juru interess fil-kawża – *nonostante* li kienu notifikati ftit li xejn kienu jidhru għas-seduti ffissati. Dan jista' jingħad ukoll għall-kuraturi deputati. Qatt ma oġġezzjonaw għad-dewmien u seduti inutili li kienu qed isiru u lanqas ilmentaw mal-qorti li r-rikorrenti Gatt m'humiex iressqu l-provi tagħhom. Ġaladarba l-kuraturi ma ġewx estromessi, inkluż il-kuraturi ta' Joseph Facchetti (missier ir-rikorrent Adrian Faccheti), kien għadu dover tagħhom li jidhru għad-defunti. Kif ġie osservat "Kuratur deputat jiġi appuntat sabiex jirrapreżenta l-interessi tal-persuna li qed jirrappreżenta u jressaq sa fejn possibbli difiża. Naturalment fejn il-persuna rappreżentata hija assenti u ma jkunx possibbli li ssir komunikazzjoni jew jittieħdu struzzjonijiet, id-difiża li kuratur deputat jista' jressaq ħafna drabi hija xi ftit jew wisq limitata minħabba nuqqas ta' informazzjoni u mankanza ta' struzzjonijiet. Fl-istess ħin il-liġi timponi fuq il-kuraturi deputati illi jittutelaw safejn possibbli l-interessi tal-persuna rappreżentata". Dawn id-doveri jemanu mill-artikolu 936 tal-Kapitolu 12. Il-kuraturi baqgħu sal-aħħar ma jidhrux fil-proċeduri ċivili u lanqas ressqu xi prova. Interess fil-proċeduri ċivili beda jintwera biss mill-werrieta ta' Joseph Facchetti, u *cioè* ir-rikorrenti u iben id-defunt, … minn Ottubru tal-2016 hekk kif ġew intromessi fil-kawża bħala konvenuti wara t-trasfużjoni tal-ġudizzju. Għalhekk ma tistax ma tiġix osservata l-passività tal-konvenuti preċedenti sakemm ma r-rikorrenti saret parti fil-kawża f'Ottubru 2016.

»Illi l-istess jista' jingħad għall-atturi Ignatius Gatt *et* fil-proċeduri ċivili. … … …

»… … …

»Rilevanti wkoll dak li ġie osservat minn din il-qorti diversament preseduta fil-kawża <u>Joseph Gatt *et v.* Avukat Ġenerali</u> (rik. Kost. nru 25/2010), fejn il-konvenuti Gatt (rikorrenti fil-proċeduri ċivili) istitwew proċeduri kostituzzjonali jilmentaw li d-diversi proċeduri li kellhom pendenti kienu qegħdin jittawlu b'mod irraġonevoli. Fost dawn il-proċeduri li minnhom kienu qed jilmentaw Gatt kienet proprju l-kawża fl-ismijiet <u>Ignatius Gatt *et v.* Franco Facchetti *et*</u> nru 883/90. Il-qorti rriteniet is-segwenti:

> »"Wara li ngħatat is-sentenza fil-21 ta' Ottubru 2003 u l-kawża ntbagħatet lura biex tinstema' minn din il-qorti, is-smigħ ġie appuntat għad-29 ta' Marzu 2004. Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2005 il-qorti nkarigat assistent ġudizzjarju biex jinstemgħu x-xhieda. Għalkemm saru xejn inqas minn sbatax-il seduta, Gatt qatt ma ressqu provi. Jekk ma sarx progress hu tort tagħhom u ta' ħadd iktar. Mill-verbali hu ċar ħafna kemm il-qorti kienet tolleranti, sakemm fis-seduta tal-1 ta' April 2009 ordnat il-kanċellament tal-kawża. Fis-7 ta' April 2009 l-atturi ppreżentaw rikors u talbu li l-kawża terġa' tiġi appuntata għas-smigħ. Il-qorti laqgħet it-talba u appuntatha għas-seduta tat-3 ta' Novembru 2009. Sal-lum tista' tgħid li hu biss wieħed mill-kuraturi li jista' jitqies li hu notifikat. Ħadd iktar mill-konvenuti mhu notifikat bl-avviż ta' smigħ ta' ri-appuntament. Mill-atti jirriżulta li minn dak iż-żmien l-atturi ma għamlu xejn sabiex il-konvenuti kollha jiġu notifikati minkejja li kważi għaddew iktar minn erba' snin. Biżżejjed jingħad li wieħed mill-kuraturi sar imħallef u ma ġiex sostitwit. Saħansitra fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 id-difensur tal-attur talab li jingħata perjodu ta' erba' xhur biex jagħmel verifiki. Fis-seduta ta' wara talab iktar

> żmien. F'dan ix-xenarju r-rikorrenti m'humiex ġustifikati li jilmentaw dwar id-dewmien f'din il-kawża. Dewmien li fil-fehma tal-qorti hu imputabbli għall-atteġġjament tar-rikorrenti u ħadd iktar."

»Illi din il-qorti taqbel mal-osservazzjoni li jekk ma kienx hemm progress fil-kawża dan huwa awtribwit prinċipalment lill-familja Gatt.

»… … …

»Ikkunsidrat;

»Id-dritt vantat mir-rikorrenti.

»Jeħtieġ issa jiġi eżaminat id-dritt li tivvanta ir-rikorrenti tenut kont illi *ex admissis* tiddikjara illi ġiet a konoxxenza tal-kawża Ignatius Gatt *v.* Franco Facchetti *noe et* f'Settembru 2016 meta ġiet notifikata b'mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tagħha (mandat ta' inibizzjoni nru 1297/2016). Eventwalment ġiet notifikata bil-kawża lamentata f'Ottubru 2016.

»Jirriżulta illi mill-mument li ġiet notifikata bil-kawża *de quo* il-proċedura fil-kawża numru 883/1990 imxiet 'il quddiem u eventwalment il-kawża ġiet deċiża kontra l-familja Gatt fil-mori tal-kawża odjerna preċiżament f'Marzu tas-sena kurrenti.

»Fil-fehma tal-qorti, tenut kont illi jirriżulta li żewġha lanqas biss kien jaf bl-eżistenza tal-kawża sakemm miet u tenut kont illi r-rikorrenti daħlet fil-kawża relattivament reċenti, iż-żmien li dwaru tista' tressaq ilment kostituzzjonali dwar in-non osservanza ta' "żmien raġjonevoli" huwa mis-sena 2016 'il quddiem.

»Rilevanti f'dan ir-rigward l-osservazzjoni magħmula mill-awtur William A. Schabas fix-xogħol tiegħu *The European Convention on Human Rights*:-

> »"In legal systems where a plaintiff may join criminal proceedings as a *parte civile*, the period taken into consideration for the length of proceedings with respect to that person starts on the date he or she joins the criminal proceedings."

»In sostenn Schabas jagħmel referenza għas-segwenti deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem: Lacatus and Others *v.* Romania – nº 12694/04, 13/11/2012; u Csiki *v.* Romania, nº 11273/05, 05/07/2011.

»Tenut kont illi l-kawża ġiet deċiża fis-sena 2019, jirriżulta illi għar-rikorrenti l-kawża li minnha qed tilmenta kellha effett fuqha mis-sena 2016 sas-sena 2019. Jekk żewġha ma kienx jaf bil-kawża għax qatt ma ġie notifikat ma tistax issa r-rikorrenti tilmenta għan-nom tad-defunt żewġha. Bl-istess mod, m'għandux fondament legali l-ilment tar-rikorrenti għad-dewmien tal-kawża qabel ma hi saret parti minnha. Id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kellu t-twelid tiegħu fil-jum li fih ir-rikorrenti saret parti f'dawk il-proċeduri ġudizzjarji u mhux qabel. Għalkemm ir-rikorrenti ġiet notifikata bil-kawża f'Ottubru 2016 u istitwiet il-kawża kostituzzjonali dwar dewmien fil-proċess ġudizzjarju kważi sentejn wara u *cioè* f'Marzu 2018, il-qorti ser tikkonsidra t-terminu minn Ottubru 2016 sa' Marzu 2019 meta l-kawża ġiet deċiża. Terminu dan li ma jistax jitqies bħala żmien mhux raġjonevoli meħud ukoll in konsiderazzjoni illi bis-sentenza tagħha tal-14 ta' Marzu 2019 ir-rikorrenti ġie sufrugata billi t-talbiet attriċi fil-konfront tagħha ġew miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi Gatt, intimati fil-kawża odjerna.

»Eżaminati l-atti, jirriżulta kjarament illi r-rikorrent Meier istitwiet din il-kawża kostituzzjonali mhux *qua* eredi tad-defunt żewġha iżda *qua* parti fil-kawża li minnha qed tilmenta.

»Illi kif ġie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Conrad Axisa *et v.* Avukat Ġenerali *et* (deċiża fis-7 ta' Awissu 2013):

> »"Il-qorti *inoltre* tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali fl-astratt u l-qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru, iżda f'kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala *actio popolaris*, persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali tagħha liema allegazzjoni tkun kontrastata mill-persuna intimata, u l-qorti tiġi mitluba tiddeċiedi l-vertenza li konsegwenzjalment ikun żviluppat"

»Fil-kawża odjerna l-qorti ġiet adita sabiex tiddelibera u tiddeċiedi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li d-drittijiet fundamentali tagħha, u mhux ta' ħaddieħor, ġew miksura. Kienet tkun sitwazzjoni ferm differenti kieku l-azzjoni kienet tirrigwarda per eżempju leżjoni tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni (protezzjoni tad-dritt għall-ħajja) fejn allura l-familjari huma mogħtija l-i*status* ta' vittma għall-finijiet ta' kawża kostituzzjonali u konvenzjonali.

»Il-qorti tagħmel ukoll ampja referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula fil-kawża numru 78/2018 deċiża kontestwalment.

»Ikkunsidrat

»Għalhekk il-qorti ma ssibx illi bejn il-11 ta' Ottubru 2016 u l-14 ta' Marzu 2019 ġew miksura d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti sanċiti bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.«

8. L-attriċi appellat b'rikors tal-15 ta' Lulju 2019 li għalih l-Avukat tal-Istat wieġeb fid-19 ta' Lulju 2019.

9. Jingħad qabel xejn illi t-talba tal-attriċi kienet għal dikjarazzjoni illi bil-"fatti suesposti", *viz.* il-fatt li l-kawża ċivili mibdija sebgħa u għoxrin sena qabel kienet għadha ma nqatgħetx meta nfetħet il-kawża kostituzzjonali tallum, kien hemm ksur tal-jeddijiet tagħha. L-ewwel qorti iddeċidiet illi ma kienx hemm ksur ta' dawk id-drittijiet "bejn il-11 ta' Ottubru 2016 u l-14 ta' Marzu 2019". Minn qari tal-parti dispositiva biss tista' forsi tifhem illi l-ewwel qorti ħalliet miftuħa l-kwistjoni jekk seħħx ksur qabel il-11 ta' Ottubru 2016. Qari tal-motivazzjoni tas-sentenza juri biċ-ċar illi dan ma kienx il-ħsieb tal-qorti, u d-deċiżjoni

effettivament kienet illi ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet tal-attriċi. Dan qiegħed jingħad biss biex juri kif din il-qorti tifhem is-sentenza appellata u biex jitneħħa kull ekwivoku li jista' jinħoloq mill-mod mhux għalkollox feliċi kif l-ewwel qorti fissret ruħha fil-parti dispositiva.

10. Ngħaddu issa għall-appell.

11. Fl-ewwel aggravju l-attriċi tgħid illi s-sentenza appellata għandha tiġi mħassra u l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex il-kwistjoni tiġi dibattuta kif jixraq u dan peress illi l-ewwel qorti ressqet *ex officio* eċċezzjoni – *viz.* illi għandu jitqies biss iż-żmien wara illi l-attriċi ddaħħlet fil-kawża – illi ma tqajmitx mill-Avukat tal-Istat bla ma tat lill-attriċi opportunità sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar dik l-eċċezzjoni. L-ilmenti f'dan l-aggravju mela huma tnejn: (i) illi l-ewwel qorti ressqet *sua sponte* eċċezzjoni li ma kellhiex tressaq-ha, u hekk iddeċidiet *extra petita*, u (ii) illi, ukoll jekk l-ewwel qorti setgħet tressaq l-eċċezzjoni, naqset milli tagħti lill-attriċi fakoltà li tagħmel sottomissjonijiet dwarha qabel ma għaddiet biex tagħti s-sentenza.

11. Huwa ovvju, fil-fehma ta' din il-qorti, illi, ladarba l-kawża kienet dwar dewmien, il-fattur ta' żmien kien fattur relevanti għad-determinazzjoni tal-kawża u l-ewwel qorti bilfors kellha tqisu. Biex tara ż-żmien kienx raġonevoli, l-ewwel qorti kellha wkoll bilfors qabel xejn tiddetermina d-*dies a quo* u d-*dies ad quem* kif fil-fatt għamlet fil-parti tas-sentenza li dwarha qiegħda tilmenta l-attriċi.

12. Mela ma jistax jingħad illi l-ewwel qorti marret 'il barra mill-parametri tal-kawża, u l-ewwel parti tal-aggravju – fejn jingħad illi s-sentenza qatgħet kwistjoni *extra* jew *ultra petita* – hija għalhekk ħażina.

13. Ladarba l-fattur ta' tul ta' żmien kien waħda mill-konsiderazzjonijiet ewlenin – u, naturalment, biex tqis it-tul ta' żmien trid bilfors tqis minn meta jibda u meta jintemm – il-partijiet kienu mistennija li jittrattaw dwaru, u jekk ma għamlux hekk in-nuqqas kien tagħhom. Forsi kien ikun aħjar li kieku l-ewwel qorti ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet għal dan in-nuqqas, iżda billi ma għamlitx hekk ma jwassalx għan-nullità tas-sentenza. Barra minn hekk, ma huwiex minnu li dan il-fattur ma ssemmiex qabel ma ngħatat is-sentenza, għax, kif tistqarr l-attriċi stess fir-rikors tal-appell, il-konvenut ittratta dwar hekk fis-sotto-missjonijiet dwar danni morali. Jekk dan kien sorpriża għall-attriċi setgħet talbet li tirreplika dwaru.

14. Fil-fehma tal-qorti għalhekk lanqas it-tieni parti ta' dan l-aggravju ma għandha tintlaqa'.

15. B'hekk din il-qorti ma hijiex qiegħda tgħid illi taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi ż-żmien qabel ma l-attriċi ddaħħlet fil-kawża ma kellux jitqies biex jiġi determinat iż-żmien kienx raġonevoli: dak huwa l-meritu tal-aggravji l-oħra li nqisuhom 'il quddiem; kull ma qiegħed jingħad f'dan l-istadju hu illi l-ewwel qorti ma għamlitx ħażin li iddeċidiet fuq dak il-punt.

16. Ngħaddu għalhekk għat-tieni aggravju tal-appell li bih fil-fatt l-attriċi tgħid illi kellu jitqies iż-żmien kollu minn meta nfetħet il-kawża u mhux biss iż-żmien meta ddaħħlet fiha l-attriċi.

17. Din il-qorti taqbel mal-attriċi illi l-argument tal-ewwel qorti msejjes fuq is-sentenza tal-Qorti Ewropea *in re* Lăcătuş u oħrajn *v.* ir-Rumanija[2], *viz.* illi "*the period to be taken into consideration for the length of proceedings starts on the date an applicant has joined criminal proceedings as a civil party*", ma jgħoddx għall-każ tallum. F'dak il-każ il-parti li ressqet l-ilment saret parti fil-kawża meta intervjieniet; fil-każ tallum l-attriċi, għalkemm iddaħħlet fil-kawża permezz ta' leġittimazzjoni tal-atti wara l-mewt ta' żewġha, effettivament bħala suċċeditriċi ta' żewġha kienet parti sa mill-bidunett billi (flimkien mal-werriet l-ieħor) kompliet il-personalità legali ta' żewġha.

18. Għalhekk aktar igħodd għall-każ tallum dak li ntqal mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Bezzina Wettinger u oħrajn *v.* Malta[3] illi f'każ fejn parti tidħol f'kawża bħala werrieta ta' oħra għandu jitqies iż-żmien kollu minn meta nbdiet il-kawża.

19. Għandha raġun għalhekk l-attriċi tgħid illi r-regola ġenerali hija illi għandu jitqies iż-żmien kollu minn meta nfetħet il-kawża. Dan iżda qiegħed jingħad bla ħsara għal dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem dwar it-tielet aggravju għax, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, għalkemm ma jibqax irrelevanti ż-żmien minn meta nfetħet il-kawża,

---

[2] 13 ta' Novembru 2012, rik. 12694/04, § 107. Ara wkoll Csiki *v.* ir-Rumanija, 5 ta' Lulju 2011, rik. 11273/05, § 91.

[3] 8 ta' April 2008, rik. 15091/06, § 67.

hemm raġunijiet għala tikseb relevanza wkoll, u forsi aktar, id-data meta l-attriċi saret taf bil-kawża u li għandhom iwasslu biex dan l-aggravju jiġi miċħud jew, għall-inqas, ma jintlaqax għalkollox.

20. Ngħaddu mela għat-tielet aggravju. F'dan l-aggravju l-attriċi tilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jingħad illi l-awtur tal-attriċi qatt ma kien jaf li saret kawża kontrieh għax qatt ma kien notifikat biha u kienu dehru għalih kuraturi.

21. Din il-qorti taqbel mal-attriċi illi dan il-fatt kien ikollu relevanza għall-għanijiet ta' danni pekunjarji; anzi, parti f'kawża illi ssir taf biha ħafna snin wara li tkun inbdiet aktar għandha possibilità li ġġarrab danni għax bil-mogħdija ta' żmien isir aktar diffiċli għaliha li tiddefendi ruħha, kemm għax tonqos il-memorja ta' fatti mbiegħda fiż-żmien u kemm għax isir aktar diffiċli li ssib xiehda ta' dak li ġara. Dan igħodd aktar u aktar fil-każ tal-attriċi meta trid iddefendi għemil jew nuqqas ta' żewġha u mhux tagħha stess.

22. Fil-każ tallum iżda l-kawża ċivili nqatgħet favur l-attriċi u għalhekk ma ġarrbet ebda danni pekunjarji.

23. Dwar danni morali, iżda, il-fatt illi la l-attriċi u lanqas żewġha qabilha ma kienu jafu bil-kawża qabel l-2016 għandu relevanza, għax ma nżammewx fi stat ta' ansjetà u inċertezza sa minn meta nfetħet il-kawża. Fil-fatt żewġ l-attriċi qatt ma ġarrab danni morali għax qatt ma kien jaf bil-kawża u l-attriċi saret taf biha biss mill-2016.

24. Għal dawn ir-raġunijiet, iż-żmien relevanti mela huwa, kif qalet l-ewwel qorti, bejn il-11 ta' Ottubru 2016 u l-14 ta' Marzu 2019.

25. It-tielet aggravju huwa għalhekk miċħud, u għall-istess raġuni t-tieni aggravju wkoll huwa wkoll miċħud ħlief għal dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem dwar ir-raba' aggravju.

26. Fir-raba' aggravju l-attriċi tgħid illi hemm raġunijiet biżżejjed għala għandhom jintlaqgħu t-talbiet tagħha għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq u għala, konsegwentement, il-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni.

27. Naturalment, bil-fatt illi kawża ħadet qrib it-tletin sena biex tinqata' ma jistax jingħad li ngħata smigħ fi żmien raġonevoli. Lanqas ma jista' jingħad illi l-kawża ċivili kienet ta' xi komplessità partikolari[4]. Fil-fatt ir-raġuni ewlenija jekk mhux waħdanija għad-dewmien kienet il-passività  tal-atturi f'dik il-kawża, li damu qrib sebgħa u għoxrin sena biex bdew iressqu x-xiehda tagħhom. Ma jistax jingħad li kienet ir-raġuni waħdanija għax din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti meta din qalet illi "kien id-dover esklussiv taż-żewġ partijiet fil-kawża li juru interess serju fil-kawża li kienu qed jiddefendu u li kellhom jirsistu sabiex il-proċeduri jiġu effettivament konklużi"; kien dmir ukoll tal-qorti illi ma tħallix illi l-partijiet jagħmlu dak li hu dmir tagħhom li jagħmlu biex il-kawża timxi u tinqata'.

28. Jibqa' l-fatt iżda illi, ladarba fil-każ tallum l-attriċi setgħet ġarrbet biss danni morali, u ma ġarrbet ebda dannu pekunjarju għax il-kawża ċivili nqatgħet favur tagħha, għar-raġunijiet mogħtija fuq fit-tratt-

[4] Ara s-sentenza ta' din il-qorti tat-28 ta' Frar 2014 *in re* Joseph Gatt *et v.* Avukat Ġenerali (rik kost. 25/2010), li kienet kawża mibdija mill-werrieta tal-istess Ignatius Gatt li kien attur fil-kawża civili kontra l-attriċi, u li tittratta *inter alia* l-istess kawża ċivili li dwarha saret il-kawża tallum.

azzjoni tat-tielet aggravju[5] ż-żmien relevanti huwa dak bejn il-11 ta' Ottubru 2016 u l-14 ta' Marzu 2019, li ma jistax jingħad li hu żmien irraġonevolment twil.

29. Madankollu fiċ-ċirkostanzi tallum hemm il-fatt illi meta ddaħħlet fil-kawża l-attriċi ma kienx hemm xiehda fl-atti għax il-ġbir ta' xiehda kien għadu ma nbediex. Dan il-fatt ikkontribwixxa għall-ansjetà u inċertezza tal-attriċi għax ma kellhiex mezz biex taf, f'dak l-istadju, għal liema fatti kellha twieġeb. Huwa minnu illi l-attriċi kienet tkun xorta f'dik is-sitwazzjoni li kieku l-atturi fil-kawża ċivili (Ignatius Gatt u l-werrieta tiegħu) fetħu l-kawża fl-2016 wara li perjodikament kisru l-preskrizzjoni b'ittra ġudizzjarji kontra l-kuraturi ta' żewġha, iżda jibqa' l-fatt illi l-kawża kienet inbdiet u kien hemm id-dmir tal-qorti, fost oħrajn, li tara li l-kawża timxi, u dak id-dmir ma twettaqx. Li kieku dak id-dmir tħares, l-attriċi x'aktarxl anqas ma kienet issir taf bil-kawża (kif baqa' ma jafx biha żewġha) u ma kienet tgħaddi minn ebda żmien ta' ansjetà u inċertezza.

30. Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk, element ta' danni morali, għal-kemm minimu, kien hemm.

31. Wara li qieset dan kollu, il-qorti hija tal-fehma illi kien hemm ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ fi żmien raġonevoli u, billi fiċ-ċirkostanzi l-konsegwenzi ta' dan il-ksur kienu minimi, kumpens ta' ħames mitt euro (€500) bħala danni morali jkun tajjeb u biżżejjed.

---

5 Para. 20 *et seqq.*, *supra*.

32. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tħassar is-sentenza appellata, tgħid illi kiien hemm ksur tad-dritt tal-attriċi għal smigħ xieraq, tillikwida d-danni fis-somma ta' ħames mitt euro (€500) bħala danni morali u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati.

33. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom il-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr